MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1414/1996/1

Hans Jurgen u Renate konjugi Dressler
vs
Joseph Axisa

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Illi bi skrittura privata datata 24 ta' Gunju 1993, l-atturi qabbdu lill-konvenut biex jaghmel xogholijiet fil-common areas u f'appartament f'Blossom Court, Taliana Lane, Gzira versu l-prezz komplessiv ta' Lm28,000.

Illi l-konvenut jinsab inadempjenti f'dan l-appalt billi saru xogholijiet difettuzi u mhux skond is-sengha u l-arti, inoltre saru wara z-zmien miftiehem u xi whud ghadhom ma tlestewx sal-lum.

Illi d-difetti li hargu fil-fond tal-atturi kkagunaw u qed jikkagunaw danni lill-istess fond kif jidher mid-dokument A anness mac-citazzjoni u kif kellu jigi pruvat waqt il-kawza.

Illi ghalhekk l-attur kellu kull raguni valida sabiex jittermina l-kuntratt ta’ appalt illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma riedx ikompli billi qed jghid illi tterminah.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut kien inadempjenti fl-appalt lilu moghti mill-atturi billi ghamel xoghol difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti wkoll kien tardiv fl-esekuzzjoni u ma wettaqx il-kuntratt kompletament.

2. Tillikwida l-ammont illi ghandu jigi mhallas lill-konvenut li ma tkunx izjed mill-ispejjez tal-konvenut u l-valur tax-xoghol wara li jittiehed qies ta’ l-utilita` ta’ dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lill-atturi kif ukoll id-danni li l-atturi sofrew.

3. Tordna rifuzjoni tad-differenza bejn l-ammont hekk likwidat u dak l-ammont imhallas lill-konvenut mill-atturi bil-quddiem.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li x-xogholijiet miftehma gew kompletati u saru kollha skond l-arti u s-sengha.

2. Illi l-meritu ta’ din il-kawza u cioe` x-xogholijiet appaltati bl-iskrittura tal-24 ta’ Gunju 1993, huma l-meritu ta’ kawza ghall-pagament relattiv fl-ismijiet “Joseph Axisa vs Hans Jurgen Dressler et” (Citazz. Nru. 1699/94) pendenti quddiem dina l-Qorti kif presjeduta u differita ghall-5 ta’ Frar 1997.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fl-4 ta’ Frar 1997 il-Perit Devid Pace gie nominat bhala Perit Tekniku.

Rat li fit-18 ta’ Jannar 1998 il-partijiet qablu li x-xhieda migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Nru. 1699/94NA jitqiesu bhala provi f’ din il-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit David Pace li fiha ikkonkluda illi:

“Ghaldaqstant ghall-ekonomija ta’ l-ispejjes l-esponent sejjer jillimita ruhu biss sabiex jaghmel accenn ghar-relazzjoni tieghu diga` prezentata fil-kawza fl-ismijiet “Axisa vs Dressler” Citazzjoni Numru 1699/94 fejn in relazzjoni ghat-talbiet attrici fil-kawza “Dressler vs Axisa” u cioe` dik illi qieghed jirrelata odjernament l-esponent sab illi mis-somom pretizi mill-konvenut f’dina l-kawza u cioe` Joseph Axisa ghandhom jitnaqqsu l-ammonti ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ghall-spostament ta’ *switch* minn gewwa ghal barra fejn il-bieb ta’ barra tal-blokk; tmien mitt lira Maltin (Lm800) ghal xogholijiet ta’ kisi, tikhil u tibjid madwar il-hitan esterni ta’ l-appartamenti tal-konvenut f’dik il-kawza u cioe` l-attur f’dina l-kawza; kif ukoll tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghal xogholijiet ta’ issigillar, *waterproofing* u xogholijiet simili madwar l-istess fond. Dana kollu jammonta ghal elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1125) liema somma ghandha titnaqqas mis-somma pretiza mill-konvenut Axisa.

Dwar l-ilment ta' inadempjenza l-esponent jidhirlu illi billi ma kienx hemm klawsola fl-appalt dwar multi jew penalitajiet ohra minhabba xogholijiet tardivi u fil-fatt lanqas saru provi dwar dana l-punt, huwa ma jhossx illi ghandha tigi applikata xi penali ghal xoghol tardiv ghaliex kif diga` inghad ma saru l-ebda provi sabiex jissustanzjaw din l-allegazzjoni.

Ghalhekk l-esponent jikkonkludi illi kif diga` gie konkjuz fil-kawza Citazzjoni Numru 1699/94 fl-ismijiet "Joseph Axisa vs Hans Jurgen Dressler et" l-attur f'dina l-kawza cioe` Dressler huwa ntitolat ghal tnaqqis ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1125) mis-somom illi huma dovuti lill-konvenut Joseph Axisa."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti llum stess tat sentenza ohra fil-kawza Citazz. Nru. 1699/94FS fl-ismijiet Joseph Axisa vs Hans Jurgen Dressler et u trid illi tapplika l-istess kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hemm imsemmija li m' humhiex ser jigu ripetuti hlief ghall-konkluzjonijiet.

F' dik il-kawza gie deciz li ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm1125 mill-ammont totali li kien dovut ta' Lm5012 u ghalhekk il-konvenut f' dik il-kawza kien gie kundannat ihallas l-ammont ta' Lm3887.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Arkitett kif fuq spjegat u taghmel l-istess konkluzjonijiet bhala taghha.

Dwar l-ewwel eccezzjoni li x-xogholijiet mifthiema gew kompletati u saru kollha skond l-arti u s-sengha, ghall-motivi msemmija fl-artikolu 5 tar-rapport peritali a fol 43 tal-process, il-Qorti tichad l-imsemmija eccezzjoni billi kien necessarju spostament ta' switch minn gewwa ghal barra l-bieb ta' barra tal-blokk, kien necessarju xoghol ta' kisi, tikhil u tibjid madwar il-hitan esterni tal-appartamenti tal-attur f' din il-kawza u kien necessarju wkoll xogholijiet ta' sigillar, water proofing u xogholijiet simili madwar l-istess fond.

Inoltre dwar it-tieni eccezzjoni din tirreferixxi ghall-mertu tal-kawza 1699/94.

Dwar il-mertu ta' din il-kawza dwar l-ewwel talba riferibbli ghal dikjarazzjoni li l-konvenut kien inadempjenti fl-appalt lilu moghti minhabba xoghol difettuz, din hija milqugha.

Tillikwida l-ammont fis-somma ta' Lm1125 kif imsemmi hawn fuq kif ukoll dettaljatament fis-sentenza tal-kawza 1699/94.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Minhabba li l-ammont mitlub in rifuzjoni gja gie kalkolat fis-sentenza msemija 1699/94 ma hemmx lok li l-Qorti tordna r-rifuzjoni u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri dwar din it-talba.

Riferibbilment ghal spejjez, spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------